



Stqarrija għall-Istampa Il-Lussemburgu, id-9 ta' Settembru 2020

Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza: il-valur miżjud tagħha jiddependi minn kemm il-fondi jiġu allokatu b'mod effettiv għall-oġġettivi ambizzjużi tal-UE, jgħidu l-awdituri

Il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF) se tappoġġa lill-Istati Membri biex jassorbu l-iskoss ekonomiku li nħoloq mill-kriżi tal-COVID u biex jagħmlu l-ekonomija tagħhom aktar reżiljenti. F'opinjonijiet ġdida li għet ippubblikata illum, il-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) tindika l-importanza tal-Pjanijiet nazzjonali għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRPs) biex jiġi żgurat li l-appoġġ finanzjarju li jingħata mill-UE jkun immirat lejn l-ilfuq tal-oġġettivi komuni ġenerali tal-UE għall-koeżjoni, is-sostenibbiltà u d-diġitalizzazzjoni, u kkoordinat tajjeb ma' forom oħra ta' appoġġ tal-UE u dak nazzjonali.

F'Mejju 2020, il-Kummissjoni Ewropea pproponiet in-Next Generation EU (NGEU) bħala parti minn pakkett estensiv biex jitnaqqas l-impatt soċjoekonomiku tal-pandemija. Fi ħdan l-NGEU, il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF) se jkollha l-akbar rwol, b'aktar minn EUR 600 biljun biex jitqassmu f'għotjiet u self. L-RRF hija mfassla biex toffri appoġġ finanzjarju fuq skala kbira għall-investimenti pubbliċi u r-riformi fil-koeżjoni, is-sostenibbiltà u d-diġitalizzazzjoni. L-Istati Membri riċevituri se jkunu jeħtieġu jabbozzaw Pjanijiet għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRPs) f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet rilevanti speċifiċi għall-pajjiżi adottati mill-Kummissjoni fis-Semestru Ewropew.

"L-RRF hija essenzjali fil-mobilizzazzjoni rapida tal-fondi meħtieġa biex jitravwem l-irkupru u tiżdied ir-reżiljenza tal-ekonomija nazzjonali tagħna. L-Istati Membri se jkollhom jagħmlu l-parti tagħhom, billi jistabbilixxu l-aġendi tagħhom għat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, l-investimenti u r-riformi," qalet Ivana Maletić, il-membri tal-QEA responsabbli għall-opinjoni.

L-iskop ta' din l-istqarrija għall-istampa huwa li jingħataw il-messaġġi prinċipali tal-opinjoni maħruġa mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri. L-opinjoni sħiħa tinsab fuq eca.europa.eu.

ECA Press

12, rue Alcide De Gasperi - L-1615 Luxembourg

E: press@eca.europa.eu @EUAuditors eca.europa.eu

“Din hija opportunità biex jiġi ddimostrat li l-UE toħloq valur għall-flus. Biex nagħmlu dan, irridu noqogħdu attenti ħafna li l-fondi jiġu fil-fatt allokati għal miżuri li jgħinu biex jintlaħqu l-objettivi ambizzjużi tal-UE. B’dan il-mod, aħna se nagħmlu l-aħjar użu mill-potenzjal tal-RRF.”

Il-loġika tal-infiq tal-RRF tappoġġa programmi estensivi ta' riforma u ta' investment ibbażat fuq l-istadji importanti tal-progress, minflok ma jiġu rimborżati spejjeż speċifiċi relatati ma' programmi/proġetti, bħal fil-każ tal-fondi strutturali tal-UE. Skont l-awdituri, ir-rabta tal-RRF mal-objettivi tal-UE - bħall-konverġenza soċjoekonomika, il-Patt Ekoloġiku u t-trasformazzjoni diġitali - tista' tissaħħaħ permezz ta', pereżempju, indikaturi komuni obbligatorji, biex b'hekk tiġi żgurata konnessjoni diretta bejn l-istadji importanti u l-miri stabbiliti f'RRPs individwali u l-objettivi relatati. L-Awdituri jilqgħu l-fatt li l-RRF tibni fuq proċeduri eżistenti, bħar-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni (RDK) u s-Semestru Ewropew, filwaqt li trawwem sinerġiji u tnaqqas il-piżijiet amministrattivi kemm fil-livell tal-UE kif ukoll f'dak nazzjonali. Barra minn hekk, id-djalogu previst mal-Istati Membri jippermetti flessibilità biex jiġu ffaċċjati sitwazzjonijiet speċifiċi. Madankollu, l-awdituri josservaw li t-tnejn tal-RRPs, il-Programmi Operazzjonali u l-Programmi Nazzjonali ta' Riforma (PNR) fl-istess ħin tista' tippreżenta sfida għall-Istati Membri, u għaldaqstant jappellaw għal proċeduri simplifikati. Huma jenfasizzaw ukoll il-ħtieġa għal gwida u koordinazzjoni xierqa, biex tiġi evitata d-duplikazzjoni ma' sorsi oħra ta' finanzjament mill-UE.

Skont l-awdituri, huwa diffiċli li tiġi vvalutata l-adegwatezza tal-ammonti finanzjarji proposti biex jiġu indirizzati l-konsegwenzi ta' kriżi li għadha qed tiżvolġi. Għalkemm l-RRF ġiet introdotta bħala rispons għall-konsegwenzi fuq terminu medju u twil tal-pandemija, l-allokazzjoni proposta tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji lill-Istati Membri hija fil-biċċa l-kbira ddeterminata mis-sitwazzjoni ta' qabel il-COVID. B'riżultat ta' dan, 4 mill-10 Stati Membri li jirċievu l-ogħla allokazzjoni tal-għotjiet għall-RRF huma mistennija li jġarrbu tnaqqis inqas sostanzjali fil-PDG fl-2020 mill-medja tal-UE ta' madwar 7 %. Barra minn hekk, il-mekkaniżmu ta' allokazzjoni jirrifletti biss parzjalment l-objettiv tal-RRF, li huwa l-promozzjoni tal-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali tal-Unjoni billi jkun hemm titjib fir-reżiljenza u jiġi appoġġat l-irkupru. Aktar minn żewġ terzi tal-għotjiet tal-RRF huma fil-fatt allokati għall-14-il Stat Membru li fl-2019 kellhom PDG *per capita* ta' mill-inqas 90 % tal-medja tal-UE, u madwar kwart biss huma allokati għat-8 Stati Membri li fl-2019 kellhom PDG *per capita* taħt 75 % tal-medja tal-UE.

Fl-aħħar nett, l-awdituri jenfasizzaw li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jridu jistabbilixxu miżuri b'saħħithom u effettivi kontra l-frodi u l-irregolaritajiet biex jiżguraw li l-appoġġ tal-UE jintuża għall-iskop intenzjonat tiegħu. Ġew osservati wkoll xi dgħufijiet fil-proċeduri ta' monitoraġġ u ta' rappurtar previsti. Skont l-arranġamenti ta' governanza u ta' awditjar tal-RRF, l-awdituri jemmnu li jenħtieġ li jiġu ddefiniti b'mod espliċitu r-rwol tal-Parlament Ewropew fil-proċess baġitarju kif ukoll id-drittijiet tal-awditjar tal-QEA, biex jiġi żgurat li għall-RRF jiġu applikati l-istess prinċipji tal-obbligu ta' rendikont u tat-trasparenza bħal dawk applikati għall-baġit ġenerali tal-UE.

Noti lill-edituri:

Il-Parlament Ewropew talab lill-QEA biex tagħti opinjoni dwar il-proposta tal-Kummissjoni għall-istabbiliment tal-RRF, f'konformità mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-UE. Din l-Opinjoni Nru 6/2020 tal-QEA hija attwalment disponibbli fuq is-sit web tal-QEA eca.europa.eu bl-Ingliż; lingwi oħra se jkunu disponibbli fi żmien qasir. L-opinjoni hija limitata għall-proposta tal-Kummissjoni, iżda tiegħu inkunsiderazzjoni l-ftehim politiku relatat li ntleħaq fil-Kunsill Ewropew fil-21 ta' Lulju.

Din l-opinjoni tikkomplementa opinjonijiet oħra tal-QEA relatati mal-COVID-19 li jikkonċernaw ir-[Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni \(RDK\)](#), [REACT-EU](#), u l-[Fond għal Tranżizzjoni Ġusta](#). L-opinjoni tibbaża wkoll fuq ir-rapport speċjali reċenti dwar is-[Semestru Ewropew](#), b'mod partikolari fir-rigward tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi.

Informazzjoni dwar il-miżuri tal-QEA b'reazzjoni għall-pandemija tal-COVID-19 tista' tinstab [hawnhekk](#).

Kuntatt għall-istampa għal din l-opinjoni:

Claudia Spiti - claudia.spiti@eca.europa.eu - T: (+352) 4398 45547 / M: (+352) 691 553547